



TESTI ADOTTATI

P10_TA(2025)0265

Miżuri kummerċjali eċċezzjonali għal pajjiżi u territorji li jipparteċipaw fil-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jew li huma marbutin miegħu

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Novembru 2025 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2024/823 tat-28 ta' Frar 2024 dwar miżuri kummerċjali eċċezzjonali għal pajjiżi u territorji li jipparteċipaw fi jew li huma marbutin mal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (COM(2025)0229 - C10-0083/2025 - 2025/0108(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2025)0229),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikolu 207(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0083/2025),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-8 ta' Ottubru 2025, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 60 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A10-0188/2025),
1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-

ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P10_TC1-COD(2025)0108

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari tat-13 ta' Novembru 2025 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2025/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2024/823 dwar miżuri kummerċjali eċċezzjonali għal pajjiżi u territorji li jipparteċipaw fi jew li huma marbutin mal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġiżlattiv finali, ir-Regolament (UE) 2025/2014.)